11 ta' Ottubru, 1947.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Raoul Beraha (*)

**Appell — Akkwijexxenza għas-Sentenza.**

*Meta l-imputat jitlob li jħallas b'rati l-piena li għaliha ġie kundannat, u fl-istess ħin jitlob il-permess biex jappella, ma jistax jingħad li hu akkweta ruħu għas-sentenza; u fl-appell ma hix sostenibili l-eċċezzjoni tal-Prosekuzzjoni li dak l-imputat ma setax jappella għax aċċetta s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Raoul Beraha interpona appell lil dina l-Qorti mis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Awissu 1947, mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, li biha, fuq l-akkuża li fil-1 ta' Mejju 1947 huwa importa u ġieb, u kien imdaħħal fl-importazzjoni u fid-dħul f'dawn il-Gżejjer, ta' 35 ingotti tal-fidda, oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hija projbita mingħajr il-liċenza ta' l-Uffiċjal għall-Kontroll ta' l-Ikel u Kummerċ, bi ksur ta' dik il-projbizzjoni; u li fil-14 ta' Ġunju 1947 ittanta li jesporta l-istess oġġetti, li l-esportazzjoni tagħhom hija projbita mingħajr il-liċenza ta' l-Uffiċjal fuq imsemmi— reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 60, art. 61 (a) u 61 (b) u kontra r-Regolamenti (li jirregolaw il-Kontroll) ta' l-Importazzjoni ta' l-1944 (Not. tal-Gvern nru. 173 tat-2 ta' Mejju 1944) u ta' l-Esportazzjoni ta' l-oġġetti (li jirrigwar-

(*) Deċiża fil-meritu bil-konferma tas-sentenza appellata fit-28 ta' Ottubru, 1947.

daw *il-Kontroll*) :—Ordni ta' l-1940 (Not. tal-Gvern nru. 202 tal-15 ta' Mejju 1940), billi Raoul Beraha gie liberat mit-tieni akkuża, iżda gie misjub hati ta' l-ewwel wahda, u gie kundannat ihallas multa ta' £691. 13. 4, billi l-valur ta' l-oggetti kien ta' £845. 16. 8, u l-fidda ma thallasx dazju;

*Rat is-sentenza fuq imsemmija;*

Billi l-Attorney General issolleva l-eccezzjoni illi ma jistax jigi interpost appell kontra s-sentenza fuq citata, minhabba li l-akkużat qaghad ghal dak li qatghet is-sentenza, kif jirriżulta mill-fatt li hu talab, u l-Qorti ikkoncedietlu, li jhallas il-multi b'rati ta' £100 i-wahda kull xahar;

Tikkunsidra fuq dina l-eccezzjoni...............;

Illi, kif jirriżulta mill-verbal in data 5 ta' Awissu 1947 (*fol.* 9), wara li giet moghtija l-imsemmija sentenza l-imputat talab, u l-Qorti ikkoncedietlu, li jhallas il-multa b'rati mensili;

Illi mill-istess verbal jirriżulta wkoll li l-akkużat, per mezz tad-difensur tieghu, talab il-permess biex jappella;

Illi mit-talba ghall-hlas tal-multa ratealment tista' tigi desunta l-accettazzjoni tas-sentenza; però dik l-accettazzjoni certament hija eskluża mit-talba ta' l-akkużat sabiex jinterponi appell kontra dik l-istess sentenza;

Illi ghalhekk, kieku ma kienx hemm it-talba ghall-appell, it-talba l-ohra wahedha, ghall-hlas tal-multa ratealment, kienet certament turi l-accettazzjoni tas-sentenza da parti ta' l-akkużat; imma huwa ugwalment cert li dik it-talba ma tistax tkompli turi dik l-intenzjoni ta' l-akkużat li jaccetta s-sentenza, akkompanjata kif hi mid-dikjarazzjoni tieghu li jrid jinterponi appell kontra dik l-istess sentenza — liema dikjarazzjoni teskludi l-accettazzjoni tas-sentenza;

Illi kwindi, taht ic-cirkustanzi, it-talba ta' l-akkużat sabiex ihallas il-multa ratealment ma jistax jigi attribwit is-sinifikat li huwa accetta s-sentenza;

*Ghal dawn il-motivi;*

Tirrespingi l-eccezzjoni u tordna li jigi trattat l-appell interpost kontra s-sentenza fuq imsemmija.